



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Jannar 2021
(OR. en)

05441/21

LIMITE

WTO 7
AGRI 18
UD 14
UK 16

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0003(NLE)

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 7 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tat-Tajlandja relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 7 final.

Mehmuż: COM(2021) 7 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.1.2021
COM(2021) 7 final

2021/0003 (NLE)
SENSITIVE*

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tat-Tajlandja relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Ottubru 2018, l-UE b'mod formali nediet il-proċess tan-negożjati (skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994) ma' għadd ta' Membri tad-WTO f'Ġinevra. Fl-2017 kien ġie żviluppat il-prinċipju sottostanti tan-negożjati li huwa "approċċ konġunt" bejn l-UE u r-Renju Unit dwar kif "jitqassmu" l-impenji kwantitattivi li jinsabu fl-iskeda tad-WTO EU28 għall-143 kwota tariffarja (TRQs) tal-UE għall-agrikoltura, għall-ħut u għall-industrija tad-WTO. Il-bażi ta' dan l-approċċ huwa li l-volum eżistenti ta' kull TRQ jinżamm kompletament fil-futur, iżda jinqasam bejn żewġ territorji doganali separati: l-EU27 u r-Renju Unit.

Il-prinċipju tal-metodoloġija applikata huwa bbażat fuq il-flussi kummerċjali ġewwa l-EU27 u fir-Renju Unit matul perjodu ta' referenza rappreżentattiv (ta' 3 snin mill-2013 sal-2015) għat-TRQs kollha tad-WTO.

Fil-15 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tnedi negożjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT mal-Membri rilevanti tad-WTO bil-ħsieb li jitqassmu l-konċessjonijiet tad-WTO tal-Unjoni dwar it-TRQs.

Il-metodoloġija miftiehma tat-tqassim hija deskritta fid-dettall fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Kunsill u tal-PE. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 2b) ta' dan ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex temenda l-ishma tat-tqassim filwaqt li tqis l-informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi jew fil-kuntest tan-negożjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 jew minn sorsi oħra li għandhom interess fi kwota tariffarja speċifika.

Il-Kunsill (il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali) ġie kkonsultat regolarment dwar il-kontenut u l-progress tan-negożjati. In-negożjati mar-Renju tat-Tajlandja rriżultaw fi Ftehim li ġie inizjalat fis-7 ta' Jannar 2021 f'Ġinevra ("il-Ftehim").

B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi lill-Kunsill biex jawtorizza l-konklużjoni tal-Ftehim.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negożjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negożjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negożjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 207(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(6) TFUE dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 218(6) TFUE, tenħtieġ Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-konklużjoni tal-Ftehim.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Għall-maġġoranza vasta tal-31 TRQs fejn ir-Renju tat-Tajlandja huwa kkonċernat, il-volumi mqassma proposti mill-UE oriġinali ġew aċċettati mir-Renju tat-Tajlandja. Għal ħames TRQs

tal-pollam u tal-papri, il-volumi ġew aġġustati abbażi tad-*data* uffiċjali tal-Comext fl-istess perjodu ta' referenza 2013-15 li tqies li huwa aktar rappreżentattiv tal-kummerċ għal dawn il-prodotti mid-*data* speċifika oriġinali bbażata fuq il-liċenzji. Għall-pollam imsajjar dan jirriżulta fi tnaqqis sostanzjali tal-volum tat-TRQ tal-EU27 għal 53 866 tunnellata (meta mqabbel mal-volum tal-EU28 ta' 160 033 tunnellata) u għal TRQ waħda tat-tiġieġ ipproċessat għal 2 435 tunnellata (meta mqabbel mal-volum tal-EU28 ta' 14 000 tunnellata). Għat-TRQ tal-pollam immellaħ l-aġġustament mill-ġdid se jwassal għal TRQ tal-EU27 ġdid ta' 81 968 tunnellata (il-volum tal-EU28 ta' 92 610 tunnellata.) Għaż-żewġ TRQs iżgħar l-oħra tal-pollam u tal-papri pproċessati il-ftehim jirriżulta fl-aġġustament tal-volum tat-TRQ EU27 għal 1 940 tunnellata (il-volum ta' EU28 ta' 2 100 tunnellata) u ż-żamma tal-10 tunnellati rispettivament.

Għal TRQ waħda tal-ħut ippreparat/ippreservat intuża l-kummerċ globali għal dan il-prodott irreġistrat fil-Comext bħala bażi għall-aġġustament minħabba l-użu baxx ta' din il-kwota mir-Renju tat-Tajlandja, li rriżulta fil-volum il-ġdid tal-EU27 ta' 423 tunnellata (il-volum attwali tal-EU28 ta' 1 410 tunnellati). B'dawn il-bidliet għall-proposta oriġinali, l-UE tista' tiffinalizza n-negozjati mar-Renju tat-Tajlandja għat-TRQs kollha kkonċernati.

L-aġġustamenti ta' hawn fuq isiru b'rispett sħiħ għall-prinċipju ġenerali tal-“approċċ konġunt” bejn l-UE u r-Renju Unit li jinżammu l-volumi globali eżistenti tat-TRQ tal-EU28 maqsuma bejn żewġ territorji doganali separati fil-futur.

Ir-Regolament (UE) 2019/216 rilevanti tal-Kunsill/Parlament Ewropew u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/386 sussegwenti se jiġu emendati biex jirriflettu dawn il-volumi tat-TRQ emendati.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli. Il-miżura qed tittieħed biex jiġi implimentat ftehim wara negozjati fil-qafas tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li huwa dritt tal-Unjoni skont il-Ftehim tad-WTO.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tat-Tajlandja relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għan-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-“GATT tal-1994”) dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
- (2) In-negozjati ġew konklużi u Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja (“il-Ftehim”) ġie inizjalat fis-7 ta' Jannar 2021.
- (3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni f'[...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [...].
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja b'rabta man-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa b'dan konkluż.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, li tagħti n-notifika stipulata fil-Ftehim.

Artikolu 3

¹ ĠU C , , p . .

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

